**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana

## Laqgħa Nru. 16-07/2016

Data: 16 ta Mejju 2016

Hin: 5.00pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Floriana

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Davina Sammut Hili | – *Sindku* |
| | Vincent Borg | – *Viċi Sindku* |
| | Matthew Paris | - *Kunsillier* |
| | James Aaron Ellul | - *Kunsillier* |
| | Albert Demarco | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | – Aġent *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | | |
| Assenti: | Michaela Farrugia (Ambaxxatur Lokali taż-żagħżagħ) | |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Mistoqsijiet lis-Sindku;
6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;
7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;

15 Pjazza E.S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21236951 E-Mail: floriana.lc@gov.mt

9. Ġenna ta Ġonna
10. Skema ta Parkeġġ Residenzjali
11. Proġetti u Xogħlijiet
12. Traffiku u parkegg
13. Ġonna u Soft areas
14. Financial Statements 2015
15. Attivitajiet Kulturali
16. Attivitajiet / Kuncerti fuq il-Fosos
17. Akkedemja tal-Futbol ta Justin Haber
18. Aġġornament.

**Minuti - 16-07/2016**

Il-Viċi Sindku Vince Borg talab sospensjoni tal-laqgħa tal-laqgħa u saret minuta silenzju b'rispett lejn in-nanna tas-Sindku tal-Lokalita'

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-minuti tal-ħmistax (15)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għall-minuta 2.5, u talab li l-kelma "kunsillieri tiġi sostitwita bil-kelma "Kunsill". Il-Kunsill qabel.

1.3. Il-Vici Sindki Vince Borg ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Il-Kunsillier Matthew Paris iddikjara li kien ser jastjeni mill-vot minħabba li ma kienx preżenti għall-laqgħa. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 3 (VB, JAE, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1

1.4. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

# 2. Punti Imqajjma mill-Minuti

2.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għall-materja 2.2 u staqsa jekk bdewx jitpoġġew il-planters fil-postijiet maqbula..

2.1.1. Is-Sindku ikkonfermat li dawn waslu, u kemm jitpoġġew fil-post. Is-Sindku irrimarkat li qed tanticipa reżistenza mir-residenti partikularment dawk li jipparkjaw il-vetturi tagħhom b'mod illegali

2.1.2. Il-Kunsill innota li preferibbilment jitwaħħlu bollards.

2.1.3. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien għadu kif ingħata il-permess tal-Mepa sabiex iwaħħal bollards madwar il-lokalita'. Il-Kunsillier Matthew Paris ppropona li l-Kunsill jikkunsidra li jwaħħal bollards li jkunu jinqalaw, minħabba ċirkustanzi varji u ta bżonn.

2.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem fuq materja 3.8.1 u staqsa jekk l-istickers bl-arma tal-Lokalita bdewx jitwaħħlu.

2.2.1. Is-Segretarju informa li dawn waslu u l-proċess tat-twaħħil diġà beda.

2.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar materja 2.4 u staqsa jekk itteħditx azzjoni fuq is-siġar ta fejn il-bini tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fi Ġnien il-Mall.

2.3.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-ilment għadda l-ELC għal azzjoni u qed tistenna risposta fuqa.

2.3.2. Il-Viċi Sindku Vince Borg informa li huwa wkoll kien tkellem ukoll mal-foreman fuq is-siġar, u fil ġranet li ġejjin ser isir eżerċizzju ta żbir.

2.4. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar materja 5.5 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi fir-rigward tal-kontroll tal-ħamiem selvaġġ

2.4.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li ma rċeviex risposta mill-Kunsill tal-Belt .

2.4.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-proċess li kien addotta il-Kunsill riċenti, jinsagħab sospiż.

2.4.3. Is-Sindku infurmat ukoll li kellha komunikazzjoni mad-Dipartiment tas-Sanita' sabiex tittieħed azzjoni

2.5. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar materja 14.1 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi rigward il-laqgħa mitluba.

2.5.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx hemm żviluppi.

2.6. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar materja 14.2 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq ir-rampi mitluba.

2.6.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx hemm żviluppi.

2.7. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għall-minuta 15.1 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

2.7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ssuġġeriment kien mogħddi.

**NB - 5.18pm. Il-Kunsillier Albert Demarco attenda għall-laqgħa**

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1. Ma kienx Hemm

## 4. Korrispondenza

4.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mill-Bord tal-Appell tal-Proġetti Kapitali, u fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-appell li kien ressaq, għall-konsiderazzjoni tal-proġett ta Vjal ir-Re Dwardu, ma ġiex milqugħ.

4.1.1. Is-Sindku infurmat li madankollu, proġett fl-istess żona ser ikun qed jitwettaq mill-GHRC, bħala parti mill-proġett ħolistiku għal entratura tal-Belt. Dan il-proġett ser jinkludi tibdil taż-żona, fejn ser issir pedonali. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob sabiex il-Mappa tal-Lokalita eżistenti, jew waħda simili tiġi inkorporata fid-disinn.

4.1.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul issuġġerixxa li nitolbu lill-V.18 sabiex jinkludu attenzjoni fi Ġnien Herbert Ganado. Is-Sindku infurmat li dan is-suġġeriment diġà tressaq, iżda il-Kunsill ġie infurmat li mhuwiex fil-pjanijiet.

4.1.3. Il-Kunsillier Matthew Paris ppropona li fejn ser jiġi propost il-Monument ta Robert Sammut, tinfetaħ diskussjoni fuq devoluzzjoni u sabiex jiġi ikkunsidrat li jinbena parkeġġ taħt l-art. Il-Kunsill qabel li jibdew ir-riċerki neċessarji.

4.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li hija tinsagħab infurmata li hemm fondi tal-Ewropa relatati mal-Patrimonju Lokali li ma ntefqux, u għaldaqstant talbet lill-Kunsilliera sabiex jaħsbu u jipproponi proġetti relevanti.

4.2.1. Is-Sindku semmiet eżempji bħall-Polverista, u t-taraġ ta ħdejha.

4.2.2. Il-Kunsillier Albert Demarco semma restawr tal-Mini tal-Ferrovija.

4.2.3. Il-Kunsillier Matthew Paris semma ammiljorament fil-Bini ta Triq Sant Anna, bħal tindif tal-bini, kif ukoll isiru tined mat-twieqi tal-binjiet, b'kuluri vivaċi.

4.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Justin Galea, li titratta tabelli li twaħħlet mal-propjeta tiegħu fi Triq Isqof M. Caruana.

4.3.1. Il-Kunsill innotat li din it-tabella kienet ilha li twaħħlet xahrejn, u residenti affettwati bi twaħħil ta tabelli fl-istess żona kienu mgħarrfa

u kkonsultati, madankollu, tentattiv ta konsultazjoni mar-resident in-kwestjoni ma kienetx possibli wara diversi tentattivi.

4.3.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li is-Sur Galea jiġi offrut bl-alternattiva l-oħra, li jitwaħħal arblu fl-istess post.

4.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Sinjura Mary Rose Schembri, għan-nom tal-Head Office tal-MUSEUM tal-bniet fejn talbet li jiġi ikkunsidrat il-ħlas tal-iscaffolding li qed jintuża sabiex issir manutenzjoni fuq il-faċċata tal-propjeta' tagħhom.

4.4.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li kemm il-darba ma jkunx hemm żgombru fuq il-bankina, ir-rata għanda tiġi ridotta.

4.5. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand Colours of Malta fejn talbu l-permess sabiex jorganizzaw ikla, u entertainment wara, fuq il-Fosos, fid-29 ta Mejju 2017. Huma indikaw ukoll bl-intenzjoni li jwaqqfu tinda temporanja fuq il-fosos

4.5.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva l-attivita, suġġetta għall-kundizzjonijiet normali għall-uzu tal-Fosos.

4.6. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand TCTC, fejn offrew lill-Kunsill sabiex jipparteċipa fi tlett korsijiet tal-kompjuter, bejn Ġunju 2016 u Mejju 2017, għall-prezz ta €1150.

4.6.1. Il-Kunsill innota li n-numru ta applikanti Furjanizi għal dawn il-korsjiet ikun wieħed baxx ħafna, u għaldaqstant, mhuwiex vijabbli li jinżammu dawn il-korsijiet b'dak il-prezz.

4.6.2. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li jikkunsidra dan il-kors sakemm il-prezz jiġi ridott drastikament.

4.7. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand Dimbros Ltd, fejn talab reviżjoni fil-prezz tas-servizz offrut minħabba numru ta fatturi partikularment marbuta mal-aġġustamenti fis-sistema ta ġbir ta Skart goff.

4.7.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill ma qabilx mal-ħlas mitlub, u dan ħabba li dan imur kontra l-kuntratt fejn jissupera l-massimu ta varjazzjoni possibli mill-istess kuntratt. Il-Kunsill qabel ukoll li fiċ-ċirkostanzi, jitlob direttiva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 5. Mistoqsijiet lis-Sindku

5.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg staqsa fuq l-andament tal-ħaddiema tal-IPSL li ġew assenjati mal-Kunsill Lokali mir-Reġjun Xlokk għal perjodu qasir.

5.1.1. Is-Sindku wieġbet li preżentament qed jattendi ħaddiem wieħed. Hija żiedet tgħid li l-problemi li kien hemm ġew diskussi mas-Segretarju Eżekuttiva tar-Reġjun u ġew sorvolati.

5.2. Il-Viċi Sindku VB staqsa lis-Sindku min ikun responsabbli għal ħsarat, f'każ li xi vettura tagħmel ħsara fuq tabella tal-Kunsill, u l-istess tabella tagħmel ħsara fi propjetà privata.

5.2.1. Is-Sindku infurmat li dak li jagħmel il-ħsara ikun responsabbli, u b'ebda mod m'għandu jkun responsabbli il-Kunsill, ladarba il-ħsara ma jkunx għamilha il-Kunsill

5.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk, u meta ser isir il-ħasil tat-toroq tal-lokalita'

5.3.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li dawn ġeneralment isiru fil-ġranet tas-Sajf. Hija infurmat li din is-sena hemm pjanat l-istess, iżda ser tintalab l-għajnuna tal-Cleansing Department

5.3.2. Il-Kunsillier Matthew Paris talab li tingħata attenzjoni partikularment fit-toroq l-iktar frekwentati mit-turisti.

5.4. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk l-Assoċjazjoni tal-Furjanizi li ma joqgħodux il-Furjana għadiex tiffunzjona.

5.4.1. Is-Sindku infurmat li l-assoċjazjoni għada teżisti, madankollu, qatt ma ħadmet kif mixtieq. Hija infurmat li ser tiddiskuti din il-materja mas-Sur Mark Ciantar, il-persuna li tieħu ħsieb l-assoċjazzjoni imsemmija.

5.5. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku, dwar jekk kienx hemm progress fix-xogħol favur ir-rigenerazzjoni tal-Lokalita'

5.5.1. Is-Sindku stiednet lil-Kunsillier Matthew Paris jagħti informazzjoni fuq il-Forum għar-Riġenerazzjoni tal-Floriana.

5.5.2. Il-Kunsillier Matthew Paris informa li l-Forum ressaq il-proposti tiegħu lill- Ecc M.L Coliero Preca, li kienu proposti tajbin, u li trattaw oqsma varji fil-lokalita', iżda li mhux biżżejjed. Huwa żied jgħid li qed ikun hemm kambjament fil-Floriana, fejn qed jiġi innutat iktar investiment fil-propjeta', iżda sfortunatmanet dan l-investiment qed isir għal skopijiet ta kiri, u mhux ta residenzi permanenti.

5.5.3. Il-Kunsill innota li għandu jkun hu li jibda juża ir-rizorsi tiegħu sabiex itejjeb u jsebbaħ il-lokalita', anke permezz ta proġetti żgħar li jagħmlu id-differenza.

## 6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

6.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul informa li kellu laqgħa mas-Sotto Kumitat tal-isport, fejn ġie diskuss li jsir Tournament tal-Football, bil-flus miġbura imorru għall-kampanja Qalb Furjaniża, Qalb Hanina.

6.1.1. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta, madankollu, qabel li jintużaw faċilitajiet sportivi adekwati għal dan il-għan, u mhux il-picc tal-Kunsill.

## 7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ippreżentat l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 13/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Il-Kunsillier Matthew Paris, astjena mill-pagamenti tas-Sur Daniel Attard, u Jobbers Ironmongery.

7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Vince Borg u ssekondata mill-Kunsillier Matthew Paris, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, MP, DSH, JAE, AD)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni ir-Rapport Finanzjarju tar-Raba' Kwart tas Sena 2015, li ġie iċċirkolat minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Matthew Paris, issekondata mill-Viċi Sindku Vince Borg, , ittieħed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, JAE, AD)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzoni ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas Sena 2016, li ġie iċċirkolat minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.3.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Vince Borg, ssekondata mill-Kunsillier Albert Demarco, ittieħed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, AD, DSH, MP, JAE)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1. Ma Kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq

## 9. Genna ta Gonna

9.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili fakkret li l-attivita' ser issir fid-9 t'Ottubru.

9.2. Il-Kunsill qabel li jimxi fuq l-istess baġit tas-sena l-oħra hekk kif ibbaġitjat ukoll din is-sena, li jerġa ikun hemm l-involviment tal-għaqdiet, u li l-laqgħat relevanti għandhom jibdew immedjatament.

9.3. Il-Kunsill qabel ukoll li attenzjoni ikbar għanda tingħata lil-mina tal-Ferrovija, u Possibbilment, issir attivita' ta tindif f'dan il-post, ħmistax qabel l-attivata ta Ġenna ta Ġonna

## 10. Skema ta Parkeġġ Residenzjali.

10.1. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilleri jiltaqaw f'format ta working group fil-27 ta Mejju fil-6.00pm.

## 11. Proġetti u Xogħolijiet

11.1. Il-Kunsill James Aaron Ellul tkellem dwar il-cat caffees.

11.1.1. Is-Segretarju informa li sab mudell bħall dawk eżistenti li saru l-aħħar, bil-prezz ikun ferm irħas minn dawk suġġeriti, cirka €100

11.1.2. Il-Kunsill approva ix-xiri ta 2 cat caffees bħall dawk ezistenti, li qabel mal-cat cafees li ppropona l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

11.2. Il-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li jiġi mixtrija żewġ bankijiet u żewġ kontenituri tal-iskart, għaż-żona ta taħt il-forka, kif ukoll issir bozza tal-istreet Lighting, u li jiġu mpoġġija mobile toilets fl-istess żona.

11.2.1. Il-Kunsill approva ix-xiri u kiri tal-oġġetti imsemmija, kif ukoll il-Kunsillier Albert Demarco ingħata l-inkarigu sabiex jieħu ħsieb il-materja tad-dawl.

11.2.2. Il-Kunsillier Matthew Paris tkellem dwar ir-rampa li hemm fl-istess żona, u ssuġġerixxa, li jew titranġa, jew inkella titneħħa. Il-Kunsill qabel li niktbu lil-Transport Malta fuq din il-materja.

11.2.3. Il-Kunsillier Matthew Paris tkellem ukoll dwar il-cladding li intuża, u il-korrispondenza li kella tintbagħat lil-Ministru kkonċernat. Huwa talab li jekk il-Kunsill ma rceviex risposta, jintbagħat reminder.

11.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar il-Bus Stop li hemm fi Pjazza Robert Sammut, u li qied ftit metri bogħod mit-targa li tagħti għal fosos tal-istess pjazza. Huwa issuġġerixxa li dawn għandhom ikunu viċin iktar xulxin

11.3.1. Il-Kunsill qabel li il-Kunsillier James Aaron Ellul jiltaqa' fuq il-Post Mal-Viċi Sindku biex tiġi evalwata il-proposta u s-soluzzjonijiet.

11.4. Il-Kunsillier James Aaron Ellul informa li l-producer tal-filmat mill-ajru, inqalalu ħsara fil-laptop u għaldaqstant jista jkollu diffikultajiet sabiex jikkompila il-xi partijiet tal-filmati meħudin.

11.5. Il-Viċi Sindku Vince Borg irrimarka li hemm bżonn issir drop kerb fil-kantuniera ta Pjazza Sir Luigi Preziosi, minħabba li l-bankina mhux aċċessibbli.

11.5.1. Il-Kunsill qabel li isir ix-xogħol meħtieġ, mill-ħaddiem tal-Kunsill.

11.6. Il-Viċi Sindku Vince Borg informa li kif maqbul waqt l-aħħar laqgħa, saru l-pjattaformi tal-konkrit fi Ġnien Sir Luigi Preziosi, sabiex jogħlew il-bankijiet. Huwa informa li fil-ġranet li ġejjin ser, jitpoġġew il-bankijiet.

11.7. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar it-tabelli ta Merħba tal-Lokalita, u informa li fil-ġranet li ġejjin, ser jinbidlu / jitranġaw li baqa'.

## 12. Traffiku u Parkeġġ

12.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li hemm bżonn senjalazzjoni ta *Stop* fit-tarf ta Triq San Publju, kantuniera ma Pjazza E.S. Tonna.

12.1.1. Il-Kunsill approva it-twaħħil tat-tabella.

12.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li hemm bżonn ta senjalazzjoni iktar ċara fid-dawra tat-telgħa tal-Kurċifiss, faċċata ta fejn kien hemm il-kontenituri tal-iskart Riċiklabbli, minħabba li qed jipparkjaw karozzi, u jkunu ta periklu.

12.2.1. Il-Kunsill qabel li jitlob lil-Transport Malta sabiex jagħmlu dan ix-xogħol.

## 13. Ġonna u Soft Areas

13.1. Ma kienx hemm materji x'jiġu diskussi.

## 14. Financial Statements 2015

14.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili fakkret fil-Financial Statements tas-Sena 2015 hekk kif re-aġġustati mill-Awdituri, u li ġew iċċirkolati qabel il-laqgħa permezz ta memo interna, minħabba l-iskadenza tas-sottomissjonijiet.

14.2. Il-Viċi Sindku Vince Borg ressaq mozzjoni , ssekondata mill Kunsillier Albert Demarco, favur l-approvazzjoni tal-Financial Statements 2015, hekk kif re-aġġustati bir-rakkomandazzjonijiet tal-Awdituri, bir-rizultat ikun:

Favur: 4 (VB, AD, DSH, JAE,MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

14.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa bil-Management Letter li irċieva l-Kunsill. Huwa informa li kif mistenni, kien hemm numru ta nuqqasijiet, bil-maggior parti riżultanti mill-Financial Statements.

14.3.1. Is-Sindku innutat li kien hemm numru ta nuqqasijiet minn-naħa tal-Accountant li setaw faċilment jiġu evitati.

14.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-ġranet li ġejjin ser ikun qed jabbozza ir-risposta, sabiex tiġi approvata mill-Kunsilliera.

## 15. Attivitajiet Kulturali

15.1. Il-Kunsillier Matthew Paris informa li ġie avviċinat mis-Sinjuri Astrid Vella u Carina Dimech għan-nom Flimkien għal ambjent aħjar, fejn ġie infurmat li ser jorganizzaw attivitajiet kulturali fil-ġonna tal-Floriana. Huma talbu li l-attivitajiet jibdew jittellaw konġuntament mal-Kunsill.

15.1.1. Il-Kunsill qabel li tiġi ivverifikata l-ispiża involuta u sussegwentement il-Kunsill jiddeċiedi.

## 16. Attivitajiet / Kunċerti fuq il-Fosos

16.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li kif maqbul, ġie avviċinat l-organizzatur tal-Kunċert ta Joseph Calleja u intlaħaq ftehim sabiex il-Kunċert isir fuq il-Fosos.

16.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili li diskussjoni mal-organizzaturi tal-Isle of MTV għaddejjin ukoll sabiex jiġu iffinalizzati l-aħħar affarijiet. Huma talbu uffiċjalment il-permess.

16.2.1. Il-Kunsill approva bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

16.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser issir laqgħa mal-organizzaturi nhar il-Erbgħa 19 ta Mejju sabiex jiġi diskuss l-għeluq tat-toroq bejn il-fosos u Triq Sant Anna ,u l-kif ser jiġi kkomunikat dan l-għeluq ma dawk affettwati.

## 17. Akkademja tal-Futbol ta Justin Haber

17.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lil-Kunsill li l-proposta ta PPP ma ġietx aċċettata mid-Dipartiment tal-Artijiet u għaldaqstant ser issejjaħ laqgħa mar-rappreżentanti ta Justin Haber Football Academy sabiex jiġi diskuss alternattivi oħra.

## 18. Aġġornament tal-Laqgħa

18.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal 15 ta Ġunju fil - 5.00. p.m

Il-Laqgħa intemmet fis-7.35 p.m

[Iffirmat] [Iffirmat]

*Davina Sammut Hili*
*Sindku*

*Svetlick Flores*
*A. Segretarju Eżekuttiv*

Data: 15 ta' Gunju 2016